# L-Akkademja tal-Malti

Taħdem biex iġġib 'il quddiem il-qagħda tal-Malti bħala lsien nazzjonali fl-oqsma kollha tal-ħajja.

**STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA**

## JINĦATAR KUNSILL ĠDID TAL-AKKADEMJA TAL-MALTI

Nhar il-11 ta' Lulju 2023, il-Laqgħa Ġenerali Ordinarja ħatret Kunsill ġdid li se jmexxi lill-Akkademja tal-Malti għas-sentejn li ġejjin (2023-2025).

Il-Laqgħa Ġenerali saret f'Dar l-Ewropa u għaliha attendew numru sabiħ ta' msieħba filwaqt li oħrajn għażlu li jsegwu l-Laqgħa b'mod virtwali mill-pjattaforma taż-Zoom.

Il-Laqgħa mxiet skont kif jitlob l-istatut: bdiet bl-approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Ġenerali tas-sena ta' qabel, l-approvazzjoni tar-Rapport Amministrattiv tas-Segretarju, is-Sur Joseph P. Borg, u l-approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju tat-Teżoriera, is-Sa Phyllis Debono.

Fid-diskors tiegħu bħala l-President, Dr George Farrugia saħaq fuq il-ħtieġa li l-Malti jkun imħaddem fl-oqsma kollha tal-ħajja Maltija u l-importanza li titfassal politika lingwistika nazzjonali. Huwa fisser li kull ċittadin Malti għandu d-dritt jinqeda u jitlob kull tip ta' servizz f'pajjiżu bi lsien art twelidu. Saħaq ukoll fuq il-ħtieġa li l-ġenituri jitkellmu bil-Malti ma' wliedhom sa minn età żgħira.

12.App. 1
Dar Doreen Micallef
Triq Sant' Andrija
Il-Belt Valletta VLT 1341

info@akkademjatalmalti.org
fb.com/akkademjatalmalti
www.akkademjatalmalti.org

Wara d-diskors tal-President, il-mmbri ħatru lis-Sur Ġużè Gatt, lis-Sur John Caruana u lill-Kav. Manwel Cutajar bħala tliet kummissarji elettorali biex jeżaminaw in-nominazzjonijiet għall-Kunsill il-ġdid. Billi nominazzjonijiet kien hemm kemm jitlob l-istatut (ħdax) ma kienx hemm ħtieġa li tissejjaħ elezzjoni.

Il-Kunsill il-ġdid huwa magħmul minn Dr George Farrugia (il-President) u Charles Bezzina, Joseph P. Borg, Joseph Buttigieg, Phyllis Debono, Javier Degiorgio, Dr Sergio Grech, Rita Saliba, Dr Manwel Schembri, Doris Zammit u Claire Zerafa. Il-karigi uffiċjali jingħataw fl-ewwel laqgħa tal-Kunsill.

Fi tmiem il-Laqgħa Ġenerali, Dr Sergio Grech qara r-rapport li ħejja Glen Calleja li attenda f'isem l-Akkademja għall-AGM u l-Burning Issues Forum li dis-sena kien bit-tema tal-Intelliġenza Artifiċjali bit-titlu, "To Bot or Not to Bot: Brave New World of Literature".

Wara, il-membri preżenti ddiskutew numru ta' punti dwar il-qagħda preżenti ta' lsienna, fost oħrajn il-ħtieġa li ċ-ċekkjatur – imwiegħed għal ħafna snin mill-awtoritajiet – ikun tassew f'idejna. Is-Sur Trevor Żahra saħaq fuq il-ħtieġa li t-tfal fil-primarja, aktar milli nħarrġuhom fil-grammatika, niżviluppawlhom kemm jista' jkun il-ħiliet tal-qari u t-taħdit bil-Malti. Membri oħra fissru t-tħassib tagħhom dwar il-fatt li l-Malti mhuwiex daqstant viżibbli fl-internet u s-Sur Dwayne Ellul semma l-ħtieġa li lit-tfal jeħtieġ noħolqulhom logħob virtwali bil-Malti kif isir f'lingwi oħra.

---

12.07.2023

12.App. 1
Dar Doreen Micallef
Triq Sant' Andrija
Il-Belt Valletta VLT 1341

info@akkademjatalmalti.org
fb.com/akkademjatalmalti
www.akkademjatalmalti.org